

Brussell, 6 ta' Frar 2026  
(OR. en)

5749/26

FIN 137  
PE-L 3

## NOTA

---

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024

- *Adozzjoni*
  - *Approvazzjoni ta' ittra*
- 

1. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina r-rapport annwali tal-Qorti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2024<sup>1</sup> f'Jannar u Frar 2026.
2. Ir-rapport annwali fih valutazzjoni tal-affidabbiltà tal-kontijiet ikkonsolidati tal-UE u l-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet li jaqgħu taħthom għad-dħul u n-nefqa tal-baġit tal-UE, li jiffurmaw il-bażi għad-Dikjarazzjoni ta' Aċċertament (DAS) tal-Qorti.
3. Il-Qorti kkonkludiet li d-dħul għas-sena finanzjarja 2024 huwa legali, regolari u ma fihx żbalji materjali.

---

<sup>1</sup> ĠU C, C/2025/5409, 8.10.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/5409/oj>.

4. Il-Qorti ħarġet opinjoni kuntrarja dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa wara li sabet li nefqa b'riskju għoli (prinċipalment infiq marbut mar-rimborż ta' spejjeż, soġġett għal regoli kumplessi) huwa milqut minn żball materjali. Ukoll, il-Qorti kkunsidrat, bħal fl-erba' snin preċedenti, li l-iżbalji fin-nefqa huma mifruxa.
5. Fis-6 ta' Frar 2026, il-Kumitat tal-Baġit laħaq qbil dwar l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024. It-test jinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota.
6. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509<sup>2</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu, u r-Regolamenti Finanzjarji ta' kull korp, il-Kunsill huwa meħtieġ ifassal rakkomandazzjonijiet lill-Parlament Ewropew dwar kwittanza li għandha tingħata lill-korpi stabbiliti taħt it-TFUE u t-Trattat Euratom u li għandhom personalità ġuridika u jirċievu kontribuzzjonijiet li jitħallsu mill-baġit. Dawn l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet qed jiġu ppreżentati għall-adozzjoni mill-Kunsill bħala punt "A" separat<sup>3</sup>.
7. Barra minn hekk, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003<sup>4</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu, u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004<sup>5</sup> u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 66 tiegħu, il-Kunsill huwa meħtieġ ifassal rakkomandazzjonijiet lill-Parlament Ewropew dwar kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi. Dawn l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet jiġu ppreżentati għall-adozzjoni mill-Kunsill ukoll bħala punt "A" separat<sup>6</sup>.

---

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

<sup>3</sup> Dok. 5750/26 ADD 1.

<sup>4</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1, <http://data.europa.eu/eli/reg/2003/58/oj>).

<sup>5</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar regolament finanzjarju standard tal-aġenziji eżekuttivi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6, <http://data.europa.eu/eli/reg/2004/1653/oj>).

<sup>6</sup> Dok. 5752/26 ADD 1.

8. Barra minn hekk, skont l-atti ta' stabbiliment rilevanti u l-Artikolu 70(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-Kunsill huwa meħtieġ ifassal rakkomandazzjonijiet lill-Parlament Ewropew dwar kwittanza li għandha tingħata lill-impriżi konġunti. Dawn l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet jiġu ppreżentati għall-adozzjoni mill-Kunsill ukoll bħala punt "A" separat<sup>7</sup>.
9. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- jadotta r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024 kif tinsab fl-Addendum 1;
  - japprova l-kummenti ġenerali li jakkumpanjaw ir-rakkomandazzjoni, kif jinsabu fl-ANNEXS għall-istess Addendum 1;
  - jagħti struzzjonijiet lill-President tal-Kunsill biex ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, flimkien mal-kummenti li jakkumpanjawha, jintbagħtu lill-Parlament Ewropew, u japprova l-abbozz ta' ittra fl-ANNEXS għal dak il-għan.

---

<sup>7</sup> Dok. 5753/26 + ADD 1 REV 1.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: President tal-Kunsill

lil: President tal-Parlament Ewropew

Sinjura,

F'konformità mal-Artikolu 319(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, qed nibgħatlek separatament<sup>1</sup> ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Frar 2026 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024.

[Formola tal-għeluq]

---

---

<sup>1</sup> Dok. 5749/26 + ADD 1.